# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.1

## Kap 7: Jiddispjaċini

## Lezzjoni 7.1- Nagħmel dak li nwiegħed

## L-Għanijiet:

**L-istudenti:**

1. Jifhmu xi tfisser li tgħid u tagħmel skont l-'iva' tiegħek.
2. Jiddiskutu għalfejn iweġġgħu meta xi ħadd ma jagħmilx dak li jkun wegħedhom.
3. Jirrealizzaw l-impatt tal-importanza tal-kelma li jkunu taw lil ta' madwarhom.



## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Preżentazzjoni bi stampi differenti ta' gruppi differenti li aħna nkunu parti minnhom.



- Case study 1 u case study 2.
- Id-diska Promise- https://www.youtube.com/watch?v=jcrQ1KExnE0
- Karta ta' taħriġ 7.1 (mill-Ktieb)

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Stieden lit-tfal iħarsu lejn sensiela ta' stampi li qed juru gruppi differenti li jkunu flimkien fis-soċjetà. Dawn l-istampi ser jinkludu fihom gruppi ta' ħbieb ta' etajiet differenti, membri tal-familja, kollegi fuq il-post tax-xogħol eċċ. Minn dawn l-istampi it-tfal ser ikollhom ċans jirriflettu ftit fuq dak li qed jaraw, fil-waqt li jindunaw bl-importanza li għandna aħna fil-komunità li qed ngħixu fiha.



- Staqsi il-mistoqsijiet:
  - X'qed taraw f'dawn l-istampi?
  - Kif qed tarahom flimkien lil dawn in-nies? Jidhru kuntenti?
  - Kif taħsbu li għandna nġibu ruħna ma' dawn ta' madwarna?

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega kif f'kull grupp li aħna nissieħbu fih, aħna jkollna rwol importanti.
2. Ippreżenta żewġ *case studies* fejn it-tfal ser jieħdu iktar idea dwar dak li ser niddiskutu llum.
3. Irreferi għal *case study* 1 u *case study* 2. Dawn ser joħolqu paragun bejniethom fejn fl-ewwel waħda ser jaraw l-effett li jżommu l-wegħda li jkunu wiegħdu filwaqt li fit-tieni storja, ser jaraw ukoll l-impatt negattiv li nħallu meta ma nżommux wegħda li nkunu wettaqna.
4. Iddiskuti mat-tfal fuq dak li jkunu għadhom kemm semgħu u raw.
5. Nistaqsu dawn il-mistoqsijiet.

- Kif ħassitha Louise meta ħabibtha Monica sellfitha l-pupa kif wegħditha li se tagħmel?
- Kif ħassu Matthew meta Jonathan qallu li se jgħidlu jilgħab football miegħu u mal-ħbieb tiegħu u mbagħad mar lura minn kelmtu?



- Ħassewhom kuntenti jew ferħanin?
- Kieku aħna jiġrilna bħal Matthew u l-ħbieb tagħna ma jgħidulniex biex nilagħbu magħhom, kif inħossuna?
- Irridu min jagħmlilna l-istess? Irridu nħossuna minsijin u mhux importanti?
- Intom gieli wegħedtu xi ħaġa u ma wettaqtuhiex?

6. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 7.1 u wara li taqra s-silta mogħtija bħala klassi ddiskuti Attività 1 biex it-tfal jimlew il-vojt bil-kelma addattata.
7. Iddiskuti Attività 2 mat-tfal u oħroġ is-sentenza t-tajba.
8. Iddiskuti Attività 3 u enfasizza l-fatt ta' kemm hu importanti li nagħmlu dak li nkunu wegħedna.
9. Agħlaq il-lezzjoni billi ssemma' d-diska *Promise*.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Nifhmu l-importanza tal-kelma li nwiegħdu lil ħaddieħor.
2. Importanti li nwettqu dejjem dak li nwiegħdu.
3. Nifformaw karattru b'valuri sodi jekk nwettqu l-kelma li nagħtu.
4. Nagħtu kas l-emozzjonijiet ta' ħaddieħor fid-deċiżjonijiet u wegħdiet li nkunu se nwettqu.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




It-tfal jagħmlu li jistgħu biex iżommu l-kelma li jkunu taw lil xulxin u anke lil xi membri tal-familja tagħhom.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Promise:,

- https://www.youtube.com/watch?v=jcrQ1KExnE0



## Nitolbu



Mulej Ġesù, nitolbok tgħinni biex lil ta' madwari ma nonqoshomx bl-azzjonijiet tiegħi. Nitolbok Mulej, biex dejjem nagħmel dak li nwiegħed u qatt ma mmur lura mill-'iva' li nkun tajt.